# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 506/2023**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Antonello Magri)**
**-Vs-**
**JAKE FORMOSA**
**NEIL FORMOSA**
**NOEL FORMOSA**

**Illum, 14 ta' Ottubru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JAKE FORMOSA** iben Noel u Stephanie Anne nee' Said, detentur tal-karta tal-identita' 38603L, **NEIL FORMOSA**, iben Noel u Stephanie Anne nee' Said, detentur tal-karta tal-identita' 472998M u **NOEL FORMOSA**, iben Arthur u Pauline nee Abela, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 2770M li tressqu quddiemha akkużati talli nhar 20 ta' Mejju 2023 bejn 02:35h u 02:40h ġewwa Triq il-Qalb ta' Ġesu', Paola:-

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Sayan Cassar f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Sayan Cassar, liema offiża hija ta' natura gravi skont kif iċċertifika t-tabib Dr Mark Borg ta' Paola Health Centre;

2. Ħebbew għal Sebastian Cassar u kkaġunawlu offiża ta' natura ħafifa skont kif ċertifikat minn Dr Francesca Briffa ta' Paola Health Centre'

3. Volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) iżda iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) għad-dannu ta' Sayan Cassar.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet lill-imputati jwieġebu mhux ħatja;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Ġunju 2024 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputati sabiex jiġu aġġudikati minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 15A, 17, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputati jiddikjaraw fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2024 li m'għandhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2024;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi nħarġu wara argoment li eskala fi ġlieda, ġewwa Triq il-Qalb ta' Ġesu, Paola, bejn l-imputat fuq in-naħa l-waħda, u Sayan Cassar u missieru Sebastian Cassar, li ġew ammessi fil-proċeduri bħala parti offiża, fuq in-naħa l-oħra.

Mill-fatti li joħroġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi fl-20 ta' Mejju 2023 għall-ħabta tas-2.30 a.m, l-allegati vittmi, li huma furnara, kienu qegħdin xogħol fil-forn tagħhom meta nqala' argoment bejn Sayan Cassar li kien ġewwa l-forn, u persuna oħra li niżlet minn karozza li waqfet quddiem il-forn. L-argoment eskala billi ndaħlu fih persuni oħrajn li ħarġu mill-istess karozza kif ukoll mid-dar faċċata tal-forn, u fit-taqtigħa, ġie ferut ukoll missier Sayan Cassar, Sebastian Cassar.

PS 1396 Sergio Farrugia xehed illi fl-20 ta' Mejju 2023 għall-ħabta tat-2:40 a.m. daħal rapport li kien hemm ġlieda ġewwa Triq il-Qalb ta' Ġesu, Raħal Ġdid u kien mar minnufih fuq il-post. Hemmhekk, eżatt faċċata tal-ħanut tal-ħobż kien hemm ġuvni, li ma kienx identifika ruħu, li kellu xi dmija ma' wiċċu kif ukoll mal-flokk iżda irrifjuta li jagħti lill-Pulizija il-verzjoni tiegħu dwar dak li kien ġara, għaliex qal li ma jridx inkwiet. Madankollu, kien aċċetta li jiġi akkumpanjat fiċ-Ċentru tas-Saħħa biex jiġi mdewwi.

Xehed ukoll li jumejn wara[1], l-istess persuna mar fl-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid u identifika ruħu bħala Sayan Cassar. Huwa kien ma' Sebastian Cassar u flimkien kienu spjegawlu x'kien seħħ fil-ġlieda. PS 1396 ikkonferma li kien niżżel fir-rapport tal-okkorrenza il-verżjonijiet li ġew rapportati lilu minn Sayan Cassar u Sebastian Cassar dakinhar.

[1] Mir-rapport tal-okkorrenza jirriżulta illi Sayan Cassar u Sebastian Cassar marru l-Għassa ta' Raħal Ġdid biex jirrapportaw u jagħtu l-verżjonjiet tagħhom dwar l-inċident, fit-22 ta' Ġunju 2023 u mhux fit-22 ta' Mejju 2023.

Minn eżami tar-rapport, jirriżulta illi l-persuna li oriġinarjament ħebb għal Sayan Cassar ("jew *Neil* jew *Jake*"), kien allegatament seraq ħobża mill-forn u meta ġie mwaqqaf minn Sayan Cassar, tah daqqa ta' ras, laqtu f'imnieħru u imbottah bil-konsegwenza li Sayan waqa' fl-art. Ġie allegat illi din il-persuna bdiet tagħti bis-sieq lil Sayan Cassar waqt li kien fl-art. Il-ġlieda eskalat meta Sebastian Cassar ipprova jwaqqaf lil din il-persuna milli jagħti lil ibnu, iżda bdew jiġġieldu bejniethom. Imbagħad indaħal fil-ġlieda missier l-allegat aggressur kif ukoll l-iżgħar wieħed minn fost ħutu li kienu ħarġu mid-dar ta' faċċata; dan tal-aħħar allegatament ta daqqa f'widnejn Sebastian Cassar u weġġgħu. Ġie allegat ukoll illi meta Sayan Cassar qam minn mal-art, qala' daqqa f'għajnejh minn xi ħaddieħor mill-aħwa tal-aggressur.

Madankollu, l-allegati vittmi, Sayan Cassar u Sebastian Cassar, ma xehdux quddiem il-Qorti biex jikkonfermaw il-verzjoni li kienu rilaxxaw lill-Pulizija meta marru jirrapportaw l-inċidenti li kien seħħ fl-20 ta' Mejju 2023 u dan meta pprevalixxew ruħhom mid-dritt tas-silenzju wara li ġew imwissija li kienu sejrin jiġu akkużati huma wkoll fi proċeduri kriminali separati in konnessjoni mal-ġlieda tal-20 ta' Mejju 2023 li dwarhom huma akkużati l-ko-imputati odjerni. L-Avukat Ġenerali ma baqax jinsisti li dawn ix-xhieda jiġu eżaminati fi stadju ulterjuri, wara li l-proċeduri fil-konfront tagħhom ikunu determinati. Iktar minn hekk, għalkemm minn eżami tal-verżjoni tal-allegat vittmi, kif jirriżulta mir-rapport tal-okkorrenza, jidher li kien hemm diversi persuni oħrajn li kienu preżenti waqt it-taqtigħa, dawn ix-xhieda okulari ma ġewx identifikati mill-Pulizija u baqgħu ma ġewx prodotti biex jixhdu fil-proċeduri.

L-imputati, meta ġew interrogati fit-23 ta' Ġunju 2023, invokaw id-dritt tagħhom għas-silenzju u ma wieġbu għal ebda domanda b'rabta mal-fatti li seħħew fl-20 ta' Mejju 2023 u l-offiżi li ġarrbu Sayan Cassar u Sebastian Cassar. Għażlu wkoll li ma jixhdux fil-proċeduri odjerni u ma ressqu ebda prova in difeża.

Ikkunsidrat;

Illi jingħad, b'mod ġenerali, li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta dwar il-ħtija, u dan għaliex huwa diffiċli li jintlaħaq dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Illi l-unika evidenza li għandha quddiemha l-Qorti biex abbażi tagħha tistħarreġ u tiddetermina l-ħtija o meno tal-imputati odjerni għar-reati li ġew mixlija dwarhom, jikkonsistu biss:- (i) fix-xhieda ta' PS 1396 Sergio Farrugia, liema xhieda effettivament tikkonsisti f'xhieda fuq kliem ħaddieħor, għaliex huwa rrakkonta biss dak li qalulu l-allegati vittmi mingħajr dawn il-verżjonijiet ma ġew ikkonfermati f'testimonjanza *viva voce* tal-istess allegati vittmi jew ta' xi xhud okulari tal-incident; u (ii) fix-xhieda ta' Dr. Mark Borg u Dr. Jean Paul Camilleri li kienu eżaminaw lil Sayan Cassar u lil Sebastian Cassar rispettivament, u kkonfermaw il-leżjonijiet li ġew rapportati fiċ-ċertifikati mediċi rilaxxati minnhom rispettivament.

Illi kif ingħad qabel, Sayan Cassar u Sebastian Cassar ma ġewx eżaminati *viva voce* quddiem il-Qorti, u l-verżjoni tagħhom dwar l-aggressjoni li sofrew fl-20 ta' Mejju

2023 u l-offiżi li ġarrbu, jirriżulta biss mir-rapport tal-okkorenza esebit fl-atti, u mix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija li kienu intervistawhom. Minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali, ix-xhieda ta' PS 1396 Sergio Farrugia[2] (li ma kienx preżenti meta seħħ l-inċident), liema xhieda tikkonsisti f'rakkont tal-fatti rapportati lilu mill-vittmi, ma tistax tingħata piż bħala prova tal-kontenut ta' dak li ġie rapportat lilu, iżda tiswa biss bħala prova tal-fatt li hekk stqarrewlu Sayan Cassar u Sebastian Cassar.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi**[3] gie ritenut li:-

"*Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa* <u>*Subramaniam v. Public Prosecutor*</u> *fejn insibu dan ilkliem: 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay.* ***It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement****. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.' Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma).* ***Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu****.*

…

*F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt:* <u>*Ir-Repubblika versus Meinrad*</u>

[2] Kif ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Antonello Magri.
[3] Deċiża mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Ottubru, 2011 (Numru 33/2010).

__Calleja__). *Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:"*

*'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il- Qorti.' (1 t'April 2011 '__Il-Pulizija versus Fabio Schembri__' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).*" [enfasi tal-Qorti]

Dan stabbilit, il-Qorti tqis illi l-uniċi fatti li ġew effettivament u oġġettivament stabbiliti mill-provi, hu l-fatt li Sayan Cassar u Sebastian Cassar irrapportaw lill-Pulizija illi fl-20 ta' Mejju 2023 huma ġew aggrediti minn numru ta' persuni ġewwa Triq il-Qalb ta' Ġesu', Paola, kif ingħad fir-rapport tal-okkorrenza, u l-fatt li sofrew offiżi b'riżultat ta' din l-aggressjoni.

Iżda l-provi li għandha quddiemha l-Qorti evidentement ma humiex biżżejjed biex jiġu stabbiliti b'mod konklussiv il-verita' storika dwar dak li attwalment seħħ fl-inċident li ġie rapportat mill-allegat vittmi, u b'mod partikolari ma ġiex ippruvat kif imiss illi l-offiżi li jirriżulta li ġarrbu Sayan Cassar u Sebastian Cassar, ġew tassew ikkaġunati minn xi ħadd mill-imputati odjerni. Hawnhekk għandu jiġi senjalat illi Sayan Cassar kien irrapporta lill-Pulizija li l-persuna li seraq il-ħobża u ħebb għalih, kien «*jew Neil jew Jake*» u in segwitu ġie aggredit ukoll minn persuni oħrajn. Madankollu, huwa baqa' qatt ma identifika kif imiss lil xi ħadd minn dawn l-aggressuri, u wisq inqas identifikahom bħala l-imputati odjerni jew xi ħadd minnhom għaliex kif rajna, huwa ma xehedx quddiem il-Qorti. L-istess, Sebastian Cassar, li fil-verżjoni li rrilaxxa lill-Pulizija qatt ma identifika l-persuni li allegatament ħebbew għalih u sawtuh. Għalhekk, hija wkoll mankanti, b'mod assolut, l-identifikazzjoni tal-imputati odjerni, bħala l-aggressuri li ħebbew għall-allegat vittmi u jew ikkaġunawlhom xi offiżi.

Jonqos ukoll il-prova ta' xi ħsara kkaġunata f'xi proprjeta' ta' Sayan Cassar li mkien fil-verżjoni minnu rapportat lill-Pulizija ma semma li xi ħadd mill-aggressuri kkaġuna xi ħsara fi ħwejġu.

Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi diretti u fin-nuqqas ukoll ta' provi ċirkostanzjali univoċi, mhux ambigwi u li jorbtu lill-imputati jew xi ħadd minnhom b'mod konklussiv mar-reati addebitati lilhom, il-Qorti ma tistax tkun moralment konvinta li xi ħadd mill-imputati ikkommetta xi wieħed jew iktar minn dawn ir-reati u għalhekk ma għandhiex għażla ħlief li tillibera lill-imputati kollha mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrihom.

**Għal dawn il-motivi, ma ssibx lil JAKE FORMOSA, NEIL FORMOSA u NOEL FORMOSA ħatja ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom, u tillberahom minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**